**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 4**

L-Erbgħa, 11 ta' Mejju 2022

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta, fl-4.01 p.m.

L-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia, ippreseda.

**ATTENDENZA**

Il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali l-Onor. Anton Refalo, il-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur l-Onor. Julia Farrugia Portelli, il-Ministru għal Għawdex l-Onor. Clint Camilleri u s-Segretarju Parlamentari għar-Riformi u l-Ugwaljanza l-Onor. Rebecca Buttigieg kienu msiefra fuq xogħol tal-Gvern.

L-Onor. Joe Giglio u l-Onor. Chris Said kienu skużati.

Il-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet l-Onor. Silvio Schembri u l-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni l-Onor. Clifton Grima, kienu assenti.

**TALBA**

L-Iskrivan tal-Kamra qal it-talba.

**MINUTI**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 3 li saret fl-10 ta' Mejju 2022 kienu kkonfermati.

**INFORMAZZJONI MILL-ISPEAKER**

L-Ispeaker qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 105 Sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fis-Seduta tat-12 ta' Novembru 2021 bir-rikors numru 209/20LM u dik tal-Appell tal-4 ta' Mejju 2022 bir-rikors numru 209/2020/1 LM, fl-ismijiet Av Dr Anna Mallia vs Avukat tal-Istat et, mibgħuta lis-Sedja a tenur ta' Artikolu 242 (1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

P.L. 106 Sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fis-Seduta tat-22 ta' Settembru 2021 bir-rikors numru 103/2019 LM u dik tal-appell tal-4 ta' Mejju 2022 bir-rikors numru 103/19/1 LM fl-ismijiet Prof. Ian Refalo noe vs Nicholas Ciantar et, mibgħuta lis Sedja a tenur ta' Artikolu 242 (1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

P.L. 107 Sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kosituzzjonali) fil-5 ta' April 2022 bir-rikors numru 78/2021 TA fl-ismijiet Stephen Simiana et vs Avukat tal-Istat et, flimkien ma' ċertifikat li din id-deċiżjoni ma ġietx appellata datat 29 ta' April 2022;

P.L. 108 Sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kosituzzjonali) fit-12 ta' April 2022 bir-rikors numru 133/2021 TA fl-ismijiet Rosanne Rocco et vs Avukat tal-Istat et, flimkien ma' ċertifikat li din id-deċiżjoni ma ġietx appellata datat 5 ta' Mejju 2022;

P.L. 109 Sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kosituzzjonali) fit-12 ta' April 2022 bir-rikors numru 59/2020 TA fl-ismijiet Catherine Saliba et vs Margaret Ciantar et, flimkien ma' ċertifikat li din id-deċiżjoni ma ġietx appellata datat 5 ta' Mejju 2022;

P.L. 110 Sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kosituzzjonali) fit-12 ta' April 2022 bir-rikors numru 138/2020 TA fl-ismijiet Christopher Agius et vs Avukat tal-Istat et, flimkien ma' ċertifikat li din id-deċiżjoni ma ġietx appellata datat 5 ta' Mejju 2022; u

P.L. 111 Sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kosituzzjonali) fit-12 ta' April 2022 bir-rikors numru 49/2020 TA fl-ismijiet Joseph Farrugia et vs Avukat tal-Istat et, flimkien ma' ċertifikat li din id-deċiżjoni ma ġietx appellata datat 5 ta' Mejju 2022.

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

L-Iskrivan tal-Kamra qara l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

**1. INDIRIZZ B'RISPOSTA GĦAD-DISKORS TAL-PRESIDENT TA' MALTA (KONT.)**

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Glenn Bedingfield, l-Onor. Alex Muscat, l-Onor. Katya De Giovanni, l-Onor. Chris Bonett, l-Onor. Jonathan Attard u l-Onor. Robert Abela għan-naħa tal-Gvern, u l-Onor. Ivan Castillo, l-Onor. Eve Borg Bonello, l-Onor. Alex Borg, l-Onor. Justin Schembri, l-Onor. Ian Vassallo, l-Onor. Paula Mifsud Bonnici u l-Onor. Rebekah Cilia għan-naħa tal-Oppożizzjoni.

Bil-permess tal-Kamra, l-Onor. Eve Borg Bonello qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 112 *Global Annual to Decadal Climate Update* għas-snin 2022 u 2022-2026 maħruġ mill-World Meteorological Organization (WMO).

Fis-6.57 p.m. id-diskussjoni kienet interrotta u baqgħet aġġornata.

**FTEHIM TAL-KAMRA**

Il-Whip tal-Gvern u Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, l-Onor. Andy Ellul, informa lill-Kamra li minkejja li l-Ordni Permanenti 7 (3) jgħid li d-diskussjoni dwar l-Indirizz bi tweġiba tkun limitata għal tliet ijiem, bi qbil mal-Oppożizzjoni din se tkun estiża sa mhux iktar tard mis-seduta ta' nhar it-Tlieta, 17 ta' Mejju 2022, u dan sakemm ma jkunx hemm ftehim mod ieħor.

L-Onor. Robert Cutajar, Whip tal-Oppożizzjoni, ikkonferma dan il-ftehim.

**AĠĠORNAMENT**

Is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali ppropona l-aġġornament tal-Kamra għal nhar it-Tnejn, 16 ta' Mejju 2022 fl-4.00 p.m. b'din l-aġenda:

**<u>Ordnijiet tal-Ġurnata</u>**

| | |
|---|---|
| Indirizz b'risposta għad-Diskors tal-President ta' Malta (Kont.) | |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Immigrazzjoni | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni Internazzjonali | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja | Tieni Qari |

Jew xi aġenda oħra li tista' tiġi komunikata aktar 'il quddiem.

Il-ħin tal-aġġornament ittieħed min-naħa tal-Gvern mill-Onor. Carmelo Abela u mill-Onor. Chris Agius.

Fis-7.29 p.m. l-Ispeaker avża li l-Kamra ġiet aġġornata għat-Tnejn, 16 ta' Mejju 2022 fl-4.00 p.m. bl-aġenda kif komunikata mis-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali.

**RAYMOND SCICLUNA**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER**